# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 6 ta' Ġunju, 2018**

**Kawża Nru 42**

**Rik. Nru. 372/15JRM**

**MIDDLESEA INSURANCE p.l.c. (C – 5553)** u b'degriet tas-7 ta' Ottubru, 2015, is-soċjeta` attriċi nbidel isimha u ġiet taqra Mapfre Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati tagħha Peppin Garage Limited u Victor Rodenas, ai termini tal-liġi u tal-poloz ta' assikurazzjoni u l-istess Peppin Garage Limited u Victor Rodenas

vs

Joseph **SALIBA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-22 ta' April, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi, fil-kwalitajiet tagħhom premessa, jitolbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-inċident stradali li seħħ fid-19 ta' Frar, 2012, fi Triq ix-Xatt, Gżira, u għad-danni konsegwenzjali mġarrba fil-vetturi MGY 142 (ġid tal-assikurata tagħha l-attriċi Peppin Garage Limited) u JAO 052 (ġid tal-assikurat tagħha l-attur Victor Rodenas) minħabba s-sewqan traskurat, negliġenti u b'nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti tas-sewqan min-naħa tiegħu; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnha, fil-kwalita` msemmija, fis-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija u tlieta u għoxrin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€14,723.13) jew somma oħra, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan; (iii) tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi Peppin Garage Limited fis-somma ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240) rappreżentanti l-*excess* tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva; (iv) tillikwida d-danni mġarrba mill-attur Victor Rodenas fis-somma ta' tmienja u ħamsin Ewro (€58) rappreżentanti l-*excess* tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva; u (v) tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi r-rispettivi somom hekk likwidati bħala danni. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' April, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Lulju, 2015, li biha l-imħarrek laqa' fil-mertu billi ċaħad kull responsabbilita` għall-inċident;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015[2], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b'rikors tagħha tas-6 ta Ottubru, 2015[3], awtorizzat li ssir il-bidla f'isimha għal Mapfre Middlesea plc;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2017[5], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Paġġ. 23 – 23A tal-proċess
[2] Paġ. 43 tal-proċess
[3] Paġ. 42 tal-proċess
[4] Paġ. 43 tal-proċess
[5] Paġ. 178 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi tat-8 ta' Frar, 2018[6];

Rat il-verbal tat-18 ta' April, 2018[7], li bih l-Avukat tal-imħarrek iddikjara li ser jirrinunzja għan-Nota ta' Sottomissjonijiet u joqgħod fuq dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' April, 2018[8], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ħabta bejn karozzi minħabba manuvra minn sewwieq ieħor. Ħabat li l-kumpannija assikuratriċi attriċi Middlesea (minn issa 'l hemm imsejħa "Mapfre") kienet tassikura tnejn mill-karozzi nvoluti fil-ħabta u għamlet tajjeb għall-ħsarat li ġarrbu, għajr għall-*excess*. Mapfre tgħid li għal dak li ġara jaħti biss l-imħarrek li kien qed isuq karozza fl-istess triq u tridu jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-assikurati tagħha, ladarba hija għamlet tajjeb għad-danni li ġarrbu billi ħallsithom tagħhom. L-assikurati jitolbu wkoll li jiġu kumpensati għall-"*excess*" li ħallsu lil Mapfre taħt il-poloz ta' assikurazzjoni rispettivi tagħhom. Billi l-imħarrek baqa' ma wettaqx dak li talbitu jagħmel Mapfre, kellha ssir il-kawża;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad kull responsabbilita` għal dak li ġara. Jiċħad għalhekk li huwa jmissu jagħmel tajjeb għal xi danni li ġarrbu l-atturi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti,</u> jirriżulta li nhar id-19 ta' Frar, 2012, għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu, Carmelo Micallef kien qed isuq fi Triq ix-Xatt, il-Gżira, fid-direzzjoni lejn tas-Sliema, karozza tal-għamla *Peugeot 407* bin-numru tar-reġistrazzjoni MGY 142, li sidtha hija l-kumpannija attriċi Peppin Garage Limited. Il-karozza kienet assikurata mal-kumpannija England Insurance Agency Limited li hija aġent u rappreżentant ta' Mapfre[9];

[6] Paġġ. 179 sa 190 tal-proċess
[7] Paġ. 206 tal-proċess
[8] *Ibid*
[9] Ara affidavit ta' Gabrielle England f'paġ. 34 tal-proċess

Illi fl-istess jum u ħin, ipparkjata fuq in-naħa l-oħra ta' Triq ix-Xatt, il-Gżira, kien hemm karozza tal-għamla *Seat Ibiza* bin-numru tar-reġistrazzjoni JAO 052, li s-sid tagħha jirriżulta li kien l-attur Victor Rodenas, u li wkoll kienet assikurata ma' Mapfre[10];

Illi filwaqt li Micallef kien qed isuq il-karozza tul Triq ix-Xatt, il-Gżira, inħasad minn manuvra li għamlet karozza tal-għamla *Land Rover Freelander* bin-numru tar-reġistrazzjoni JPS 278 misjuqa minn sidha, l-imħarrek Joseph Saliba. Micallef xehed li, qabel ma saret l-imsemmija manuvra, il-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet ipparkjata *double lane* ftit metri biss quddiemu meta, f'ħin bla waqt, qalgħet u ħarġet għal nofs it-triq. Micallef jgħid li l-imħarrek ittanta jagħmel '*u-turn*' filwaqt li Saliba jgħid li hu kien sejjer dritt lejn tas-Sliema[11]. Biex jevita li jibqa' dieħel ġol-karozza ta' Saliba, Micallef kiser fuq il-lemin, rikeb il-faxx tas-*central strip* li hemm f'dik it-triq u sab ruħu n-naħa l-oħra tat-triq. Il-karozza ta' Micallef inqalbet, tkaxkret u baqgħet dieħla ġol-karozza tal-attur Rodenas[12]. Micallef inqabad ġol-karozza misjuqa minnu u kellu jinħeles min-nies tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Ma jirriżultax li Micallef kien qed isuq b'veloċita` eċċessiva[13];

Illi minn ritratti ta' *CCTV footage* li l-Pulizija rnexxielhom jiġbru minn għadd ta' *cameras* li jinsabu fl-inħawi, jirriżulta li Saliba kien qed jixtri minn ħanut, daħal ġol-karozza tiegħu u, mingħajr ma qies min kien ġej minn warajh, qabad u saq il-karozza għad-dritt, jiġifieri lejn tas-Sliema[14]. Fil-verżjoni mogħtija mill-imħarrek lill-Pulizija, huwa jgħid li kien għajjien wara lejl fuq ix-xogħol u li kien sejjer id-dar biex jistrieħ. Skond l-istess Rapport tal-Inċident, l-imħarrek jidher li dak iż-żmien kien joqgħod l-Imsida, li jfisser li, biex imur lura d-dar minn fejn kien, ried idur lura mnejn kien ġie;

Illi minn *survey* li sar fuq il-karozzi ta' Micallef u Rodenas, jirriżulta li l-ħsara li ġarrab Micallef kienet kbira fl-ammont, u t-tiswija li kienet meħtieġa kienet ser tkun akbar mill-valur li l-karozza ġġib fis-suq[15]. Għalhekk tqies li ma kienx ikun għaqli li jsirulha t-tiswijiet u l-bidliet fil-partijiet imkissra ('*beyond economic repair*') u li l-assikurat jingħata kumpens għal kemm kien il-valur tal-vettura dakinhar. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż li ġarrab Rodenas kienu ferm anqas[16]. Ħadd ma jidher li korra b'mod gravi;

---

[10] *Ibid*
[11] Ara Dok. "BM" ir-*Road Traffic Accident Report* f'paġ. 68 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Carmelo Micallef f'paġ. 121 – 3 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "BM" ir-*Road Traffic Accident Report* f'paġ. 65 tal-proċess
[13] Ara Dok. "GE3" f'paġ. 37 tal-proċess u x-xhieda ta' Matthew Polidano f'paġġ. 100 – 2 tal-proċess
[14] Ara wkoll Dok. "BM" ir-*Road Traffic Accident Report* f'paġ. 72 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "DZ1" sa "DZ28" f'paġ. 104 tal-proċess
[15] Ara Dok. "B" f'paġġ. 12 sa 21 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Muscat f'paġ. 147 tal-proċess
[16] Ara Dok. "Ċ" f'paġ. 22 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Philip Attard f'paġ. 145, flimkien mal-irċevuti f'paġġ. 38 – 40 tal-proċess

Illi Mapfre ħallset b'kollox erbatax-il elf seba' mija u tlieta u għoxrin euro u tlettax-il ċenteżmi (€ 14,723.13) liż-żewġ atturi assikurati tagħha għall-ħsara li ġarrbu (€13,300.76 lil Peppin Garage Limited, u €1,422.37 lil Rodenas), għajr għall-*excess* li tħallsu minn Peppin Garage Limited fl-ammont ta' €240 u Rodenas fl-ammont ta' €58 rispettivament[17]. Mal-ħlas, l-atturi Peppin Garage Limited u Rodenas, issurrogaw lil Mapfre fil-jeddijiet rispettivi tagħhom[18];

Illi jirriżulta li l-Pulizija ħadu passi kriminali kontra l-imħarrek, iżda ħareġ liberat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2012[19];

Illi fis-26 ta' Awwissu, 2013[20], Mapfre talbet formalment lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex jersaq għall-ħlas tad-danni mġarrba mill-assikurati tagħha. L-ittra uffiċjali kienet titlob il-ħlas ta' somom speċifiċi. L-imħarrek intimat laqa' n-notifika tal-ittra uffiċjali fil-5 ta' Settembru, 2013;

Illi fit-22 ta' April, 2015, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti trid tibda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> tagħha billi, qabel kollox, tqis il-kwestjoni ta' **min jaħti għall-inċident**. F'dan il-każ, ma hemm ebda dubju li l-attur Rodenas ma jaħti xejn għal dak li ġara. Il-qofol tal-kwestjoni tal-ħtija, għalhekk, hu jekk Micallef jaħtix waħdu għal dik il-ħabta, jew jekk kienx hemm xi ċirkostanza fejn dik il-ħtija tintrefa' minn ħadd ieħor (l-imħarrek, f'dan il-każ), jew jekk tintrefax mill-imħarrek flimkien ma' Micallef;

Illi hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilita` f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri li (a) jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[21];

Illi din ir-regola tqiegħed responsabbilita` qawwija fuq Micallef. F'dan il-każ, Micallef iżda jġib id-difiża tal-forza maġġuri. Huwa jargumenta li dak li għadda minn għalih kien każ ta' forza maġġuri li ma ħallitux aktar responsabbli

[17] Ara x-xhieda ta' Gabriella England f'paġ. 34 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda tal-attur Rodenas f'paġ. 51 tal-proċess
[18] Dokti. "GE1" u "GE2" f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess
[19] Ara Dok. "BM" f'paġ. 72 tal-proċess
[20] Ara Dok. "GE7" f'paġ. 41 tal-proċess
[21] Ara per eżempju P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenzuli*** (mhix pubblikata); u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefano Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata)

għal dik il-ħabta u dan billi ħalqet emerġenza għall-għarrieda li xejnet ir-rieda tiegħu f'dak li kien qed jagħmel u f'dak li kien qed iseħħ fil-madwar. Din iċ-ċirkostanza jgħabbiha għal kollox fuq l-imħarrek u jgħid li hu dan li jmissu jġorr ir-responsabbilita` għal dak li ġara;

Illi d-difiża ta' Micallef hija waħda li titfa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega[22] għaliex il-liġi nnifisha tgħid li ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri ibatiha dak li fuq il-ġid tiegħu tiġġarrab dik il-ħsara[23];

Illi huwa aċċettat li aċċident mhuwiex entita` astratta, imma fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita` tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilita`, u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex ikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom*"[24];

Illi biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[25]. Huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ kortuwitu, mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*[26];

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*[27]". Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[28];

Illi l-Qorti wara li fliet b'reqqa l-provi fl-atti tal-kawża (jiġifieri kemm il-verzjonijiet tal-partijiet, is-'*cctv footage*' u r-ritratti li ħarġu minnu, u r-rapport tal-veloċita` tal-karozza misjuqa minn Micallef), issib li d-difiża tal-forza

---

[22] P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix appellata)
[23] Art. 1029 tal-Kap. 16
[24] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[25] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[26] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[27] Charlesworth *Law of Negligence* (2nd Edit) pġ. 509
[28] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)

maġġuri jew tal-emerġenza għall-għarrieda mqajma mill-attur Micallef hija mistħoqqa;

Illi, min-naħa l-oħra, ma hemm ebda dubju li l-imħarrek għamel azzjoni ażżardata meta qabad u qala' minn fejn kien ipparkjat u telaq għal għonq it-triq mingħajr ma qies min seta' kien ġej minn warajh. Ma jirriżultax biċ-ċar jekk hux minnu dak li ħaseb l-attur Micallef fuq l-imħarrek, jiġifieri li kien beda biex jagħmel '*u-turn*'. Imma l-aġir tal-imħarrek wassal għall-istess riżultat, jiġifieri dak li ma ħalliex lil Micallef wisa' minn fejn jista' jgħaddi biex ikompli sejjer fid-direzzjoni li kien ilu li qabad[29]. Il-manuvra tal-imħarrek li joħroġ minn pożizzjoni fejn kien ipparkjat għal ġol-karreġġjata ewlenija kienet titfa' fuqu responsabbilta` li jara jekk setax jagħmel manuvra bħal dik qabel joħroġ minn fejn kien[30]. Il-fatt li huwa qal (fil-verżjoni li ta fir-Rapport tal-Inċident) li ma kien ra lil ħadd ġej, jixhed, fil-fehma tal-Qorti, li ma kienx qiegħed juża attenzjoni biżżejjed biex jara dak li kellu jidher (wieħed ma jridx jinsa li l-inċident seħħ tliet kwarti ta' siegħa wara tlugħ ix-xemx) fl-inħawi;

Illi, b'żieda ma' dan, l-imħarrek ma tax lill-Qorti tifsira xierqa għall-manuvra li għamel jew xi prekawzjonijiet ħa biex, qabel ma jibda jsuq, iqis x'inhu għaddej madwaru. L-imħarrek għażel li ma jixhidx, minkejja li l-proċeduri kriminali meħudin kontrih kienu ilhom mitmuma b'eżitu favurih, u bla ma kellu l-biżgħa li seta' jinkrimina lilu nnifsu;

Illi l-fatt li l-imħarrek inħeles mill-akkużi mressqin kontrih mill-Qorti ta' kompetenza kriminali ma jfissirx li b'hekk il-ħtija taqa' fuq Micallef jew li ċ-ċirkostanzi msemmija aktar qabel u ippruvati kif imiss f'din il-kawża jeħilsu lill-imħarrek mill-ħtieġa li jiġġustifika l-manuvra li għamel u li qiegħdet lil Micallef wiċċ imb'wiċċ ma' emerġenza li ma setax jara ġejja minn qabel;

Illi fid-dawl ta' dan, għalhekk, l-ewwel talba attriċi sejra tintlaqa' u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni**, il-parti l-kbira tad-danni mitluba f'din il-kawża hija marbuta mal-ħsara li ġarrbet il-karozza misjuqa minn Micallef. Billi l-karozza ta' Peppin Garage Limited ma kinitx iżjed f'qagħda li tissewwa, il-valur li kellha l-karozza ntemm bis-saħħa tal-inċident[31]. F'każ bħal dan, il-kejl tal-ħsara mġarrba jitqies bl-ammont tat-tnaqqis fil-valur

---

[29] Ara x-xhieda ta' Carmelo Micallef f'paġ. 131 tal-proċess
[30] Artt. 151 u 215 tal-Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq
[31] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismjiiet ***Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija et*** u Maġ.(Għ) AE **3.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***George Saliba vs Dennis Patrick Roberts***

tal-ħaġa minn kif kienet qabel l-inċident għal kemm ġiet tiswa minnufih b'riżultat tiegħu[32]. Madanakollu, bħal fil-każ ta' sempliċi deprezzament, huwa meħtieġ li l-valur kalkulat tal-ħaġa milquta bl-inċident tingħata valur reali u mhux wieħed maħluq miċ-ċirkostanza jew imħawwar biex jidher li jiswa aktar[33];

Illi fil-każ ta' llum, l-imħarrek fl-ebda ħin ma qajjem id-difiża li l-ammont mitlub mill-atturi bħala kumpens għad-danni mġarrba huwa wieħed eżaġerat. Il-Qorti trid toqgħod fuq dak li joħroġ mill-atti. Min-naħa l-waħda, l-atturi waslu għall-pretensjoni tagħhom fuq *survey* magħmul minn *surveyor* imqabbad mill-assikurazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek ma ressaq ebda prova li tmur kontra d-dokumentazzjoni mressqa mill-atturi. Għall-kuntrarju, f'waħda mis-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju[34], l-għaref difensur tal-imħarrek iddikjara li l-atturi ma kellhomx għalfejn iressqu xhieda biex jawtentikaw il-fatturi tat-tiswijiet u nefqiet marbuta magħhom;

Illi ħareġ ċar ukoll li Mapfre ikkumpensat lill-atturi l-oħrajn f'din il-kawża skond il-poloz ta' assikurazzjoni rispettivi tagħhom u b'hekk kienet surrogata fil-jeddijiet tagħhom kontra l-imħarrek;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li l-prospett tad-danni kif imressaq mill-atturi jagħti stampa xierqa tad-dannu kumpensat lill-assikurati tagħha. Ladarba, skond ir-rispettivi poloz, l-ewwel parti tal-ħsarat imġarrba (l-'*excess*') jintrefa' mill-assikurat, il-ħlas lura ta' dik in-nefqa trid issir direttament mill-imħarrek lil kull wieħed mill-imsemmija assikurati;

Illi għalhekk, it-tieni, t-tielet, ir-raba', u l-ħames talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu kif magħmula;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident tat-triq li seħħ fid-19 ta' Frar, 2012, fi Triq ix-Xatt, il-Gżira u li fiha ġarrbu ħsarat il-karozzi tal-atturi Peppin Garage Limited u Rodenas, u li l-kumpannija attriċi Mapfre Middlesea għamlet tajjeb għalihom taħt ir-rispettivi poloz ta' assikurazzjoni;

---

[32] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Casha vs Frans Sammut*** (mhix appellata)
[33] App. Inf. PS **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance plc***
[34] Seduta tas-26.9.2017, f'paġ. 159 tal-proċess

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens li l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi Mapfre Middlesea p.l.c. fis-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u tlieta u għoxrin euro u tlettax-il ċenteżmu (€ 14,723.13);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-kumpens li l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi Peppin Garage Limited fis-somma ta' mitejn u erbgħin euro (€ 240);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tillikwida l-kumpens li l-imħarrek irid iħallas lill-attur Rodenas fis-somma ta' tmienja u ħamsin euro (€ 58);

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lir-rispettivi atturi s-somom ta' € 14,723.13, € 240 u € 58, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somom b'seħħ mill-5 ta' Settembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**6 ta' Ġunju, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**6 ta' Ġunju, 2018**